# VERSI

## ta' KARMENU VASSALLO

### META OMMI KELLHA LILI

Meta ommi kellha lili,
qalu, donnha kellha Re.
Meta nxtrajt mis-Suq tal-Ħajja
bilkemm swejt ħaqq kikkra te.

### IN-NATURA U MĠIBITHA MIEGĦI

In-Natura, għalkemm ħaqritni
u tgħakkisni damet żmien,
hena għallmitni nsib f'dar hemmi,
ħila fl-għawġ, fil-mewt għajxien.

### BIEX BIRT FTIT

Għerf u Ġmiel u Saħħa għalija
baqgħu ħolma. Biex kbirt ftit
u t-triq qbadt ta' Sebħ il-Għana
rajt u doqt Kalvarju ġdid.

### META GĦAMMDUNI

Karmnu, Ġwanni, Kola, Ġlormu,
Nerik, Peppi u Pietru Pawl
ingħatawli meta għammduni:
nista' nżul minn Triq id-Dawl?

### TAGĦLIM OMMI

Ommi kienet mara tajba,
għad li mara bħall-oħrajn:
nara għallmitni b'għajnejn ruħi —
kont tarbija tad-dirgħajn.

### KRISTU FI ĊKUNITI

Minn ċkuniti 'l Kristu Sidna,
kif f'xi santa kont naraH,
mill-bnedmin l-oħra kont nagħżlU:
b'Alla nżżommU u naduraH.

### JIEN U L-QAMAR

Jien ma kontx xi fula f'qargħa:
tfal oħrajn aktarx ħolmuh
dak li b'qasba twila 'l-qamar
minn fuq bejt setgħu jilħquh.

### JIEN U L-AGĦSAFAR

Bħala tifel lill-agħsafar
kont inħobbhom maqbudin.
Meta kbirt, ħabbejthom ħielsa:
għax kont raġel, sirt ħanin.

### BIR-RIĠEL U L-ĠWINĦAJN

Għad li nasal kont bil-mixi,
biex nitgħallem kont intir.
Dehbi ssaffa b'nar il-Faqar:
ħieles kont u ħsibtni rsir.

### ĠISEM U RUĦ

Dak li fija jħobb il-ġisem,
dak li fija tħobb ir-ruħ
jien żewwiġthom. Ma' li jinten
stajt inbewwes dak li jfuħ?

### ĠESÙ LIL BINT IBNI

Lil bint ibni fi ċkunitha
b'fomm nannuha jgħid Ġesù:
"Għad li mqarba, int l-għaxqa tiegħi
għax ma tafx ħażen x'inhu".

### XEWQAT IN-NANNU

Jgħid in-nannu lil bint ibnu:
"Jalla tikber u tixjieħ!
Iżda mbagħ'd teżor ċkunitek
għalxejn tfittxu jew tibkih".

### KIEKU HU KIEN JIEN...

Li kien Alla ħanin daqsi
kif inqis il-ħniena jien,
ħlejjaq sħaħ li l-qtil għajxienhom
kienu jibqgħu fil-ħolqien?

### BLUĦA TA' MOĦĦ MITBUQ

Ta' kull meta ħbatt nindaħal
f'dak li għamel Dak ta' Fuq,
rajt tassew kemm kont belhieni —
moħħ għajjien fid-dlam mitbuq.



### KLIEM MOSÈ

Milli rajt b'tiġrib f'għomri,
kollu minnu kliem Mosè:
"Alla kollox sewwa ħalaq!"
Boloh dawk li jgħidu: Le.

### KIF INĦOBB 'L ALLA JIEN

Jekk ma nħobbx lil Alla sewwa
jew mhux wisq, inħobbU ftit:
ismU u sebħU fuq ilsieni,
għad li nidneb ta' sikwit.

### X'NAFU U X'MA NAFUX

"L-Ewwel Jien: Jien Alla Sidek!"
Dan smajnieh, nafuh ilkoll.
Ma nafux kemm bnedmin fostna
sfaw bla jedd allat ukoll.

### ĦNIENA U ĦAQQ FIL-MU'

Fil-kbir Alla, Alla ta' dejjem,
ħniena u ħaqq jimxu id f'id:
għax Missier, jaf ikun artab;
għax ta' ħaqq, iebes ħadid.

---

# DAKINHAR . . .

dak inhar...
qabel instemgħet il-qanpiena ddoqq imgħaġġla
tbewwes wiċċek bla ħoss
minn l-ewwel qtari tax-xita mbierka
ta' lejla mdaħħna u mudwala bin-neon...
u ġelbnu sħan demgħatek tifla bla ħtija
u bil-lajma żżerżqu tewmin fil-baħħ u r-reżħa...
maż-żmien tbissmu xufftejk
bi mħabba bla mistħija
jewwilla xtaqt li tgħaffeġ ħajjet ommok
bla sbuħija...

dakinhar...
qabel instama' l-werżiq jishar iddajk iddajk
moħħha ried psikjatra
bħal tiegħek...

x'ħin nisslitek f'ħoġorha
bħal qronfla fi żmien il-ħarifa...

25.11 76

MARIO F. BEZZINA